MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 273/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael A. Mallia)**

**vs**

**CLAYTON CREMONA**
**LUDWIG DIMECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **Clayton Cremona** ta' 19-il sena iben Francis Xavier u Theresa nee' Attard, imwieled Pieta' fis-26 ta' Awissu 1985, residenti fil-fond nru. 4 'Liliant', Triq il-Bilbla Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 442185M;

**Kif ukoll lil Ludwig Dimech** ta' 22 sena, iben Carmelo u Josephine nee' Chircop, imwieled Pieta' fid-29 ta' Jannar

1983, residenti ‘Our Nest’ Triq l-Indipendenza Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 135683M;

**U gew akkuzati kif gej:-**

**<u>Lil Clayton Cremona wahdu talli:-</u>**

Fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Dicembru 2004 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom ammont ta’ accessorji tal-vetturi u flus kontanti li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta’ elf Lira Maltin, mill-fond ‘Nipparts’ sitwat fi Triq il-Wied Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin u bil-hin, u li sar ghad-dannu ta’ George Baldacchino;

Kif ukoll talli f’Malta, fis-7 ta’ Jannar 2005 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

**Lil Ludwig Dimech wahdu talli:-**

F’Malta, fit-8 ta’ Jannar 2005 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gejjin minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tieghu datata 11 ta’ Ottubru, 2005 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Clayton Cremona iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda serq aggravat.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Clayton Cremona bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Clayton Cremona wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, liema akkuza tirrigwarda serq aggravat.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Clayton Cremona li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-istess imputat Clayton Cremona u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Clayton Cremona.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat Ludwig Dimech iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Ludwig Dimech bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Ludwig Dimech wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat Ludwig Dimech iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-akkuza migjuba kontra l-istess imputat Ludwig Dimech, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, l-oggetti li ghandhom x’jaqsmu ma’ din l-akkuza huma tlett (3) clutch kits serial nos. J2006015, J 2003064 u J 2008002 u tmin (8) Nipparts filters.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Clayton Cremona l-artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 264, 265, 266, 267. 270, 330, 278, 279 (b), 280, 281, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Clayton Cremona, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali tal-imputat Clayton Cremona u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Clayton Cremona ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Clayton Cremona jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Clayton Cremona, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija tieni akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Clayton Cremona.

Rat fil-konfront tal-imputat Ludwig Dimech l-artikoli 334, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Ludwig Dimech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali tal-imputat Ludwig Dimech tillibera lill-imputat Ludwig Dimech taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputati Clayton Cremona u Ludwig Dimech sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallsu lir-Registratur tal-Qrati f'ammonti indaqs bejniethom is-somma totali ta' tlett mija u tnejn u tmenin Euro (Euro 382) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti nominati fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clayton Cremona l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed taghti lill-imputat Ludwig Dimech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------